# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 509/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Roderick Attard**

Illum 24 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Roderick Attard**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 550091(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-2 ta' Ottubru 2020 u fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel ġewwa Birkirkara u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. ikkaġuna lill-mara tiegħu u cioè Michelle Attard, li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu Jake u Amy, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-presenza ta' l-imsemmija minuri;

2. ikkaġuna lill-ġenituri tal-mara tiegħu u ċioè Carmel Francalanza u Simone Francalanza, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u dan waqt li kien qed jgħix magħhom;

3. ikkaġuna lill-mara tiegħu u ċioè Michelle Attard, li tiġi wkoll omm it-tfal Jake u Amy, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha u ċioè ommha u missierha, Carmel u Simone Francalanza;

4. permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil mara tiegħu u ċioè Michelle Attard, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

5. fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-mara tiegħu u ċioè Michelle Attard kontra l-volonta' tagħha.

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Roderick Attard a benefiċċju ta' Michelle Attard, ommha u missierha u ċioè Carmel u Simone Francalanza, u l-familjari tagħhom u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuni ta' Michelle Attard, ommha u missierha u ċioè Carmel u

Simone Francalanza jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Roderick Attard b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika Artikoli 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Roderick Attard għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Settembru 2021, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-ewwel, mit-tieni u mir-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, wara li rat Artikoli 17(b), 18, 31, 86, 87(h), 202(h)(i) u 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tat-tielet u tal-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu iżda peress illi l-Qorti kienet sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-fatt li l-imputat jbati bl-ansjeta' u ġieli jkollu diffikulta' jikkontrolla r-rabja tiegħu u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte tiegħu, is-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-*Probation* nħasset li kienet mixtieqa, a tenur ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħdet lill-imputat taħt Ordni ta' *Probation* għall-perijodu ta' tliet (3) snin mid-data tas-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-digriet relattiv maħruġ mas-sentenza, liema digriet ġie anness mas-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Peress li mill-atti proċesswali, senjatament mix-xiehda ta' Michelle Attard u mis-*Social Inquiry Report* redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler, l-Ewwel Qorti rriżultalha li l-imputat ibati bl-ansjeta' u ġieli jkollu diffikulta' jikkontrolla r-rabja tiegħu, a tenur ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħditu taħt Ordni ta' Trattament u dana għall-perijodu ta' tliet (3) snin dekoribbli mid-data tas-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet

elenkati fid-digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti mas-sentenza, liema digriet jifforma parti integrali minnha. Tali Ordni ġie impost sabiex l-imputat jitqiegħed taħt u jingħata t-trattament meħtieġ u adattat biex jiġu indirizzati l-problemi ta' ansjeta' u kontroll ta' rabja li huwa għandu, u għal tali fini l-Qorti appuntat lill-Psikjatra Dr. Nigel Camilleri sabiex matul il-perijodu operattiv ta' l-Ordni ta' Trattament impost fuq l-imputat huwa jsegwih u jagħtih dik il-kura u trattament meħtieġa biex jiġu indirizzati l-problemi li għandu. A tenur ta' Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilita' tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalita' il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf, mija, erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' *Probation* u l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-*Probation Services* u lil Dr. Nigel Camilleri.

A tenur ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ħarġet fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurta' ta' Michelle Attard, Simone Francalanza u Carmel Francalanza, liema Ordni ta' Trażżin inħareġ għall-perijodu ta' tliet (3) snin li kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'digriet mogħti mas-sentenza, liema digriet ġie anness mas-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti għamlitha ċara li peress li l-imputat u Michelle Attard għandhom tfal minuri bejniethom, l-imputat jista' jikkomunika u jekk hemm bżonn jiltaqa' ma' Michelle Attard limitatament għall-finijiet u bżonnijiet ta' tali tfal, mingħajr b'hekk ma jkun qed jikser l-Ordni ta' Trażżin impost fuqu iżda, kemm-il darba l-imputat

joħroġ il-barra mil-limiti ta' l-eżenzjoni limitata, u ċioè li b'xi mod jikkomunika u/jew jiltaqa' ma' Michelle Attard għal affarijiet u materji mhux relatati mat-tfal tagħhom jew addirittura biex jivvessaha, jdejjaqha jew jheddidha, huwa jkun qed jikser l-Ordni ta' Trażżin impost fuqu u b'hekk jitteħdu fil-konfront tiegħu l-passi, azzjonijiet u provvedimenti kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi. Din l-eżenzjoni ma kellhiex tapplika fir-rigward ta' Simone u Carmel Francalanza.

L-Ewwel Qorti għamlitha ċara li jekk fid-data tas-sentenza hemm ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Michelle Attard li bih l-imputat b'xi mod ma għandux aċċess jew għandu aċċess limitat għat-tifel minuri tiegħu u ta' Michelle Attard, is-sentenza u l-kondizzjoni (e) fid-Digriet ta' l-Ordni ta' Trażżin impost fuq l-imputat bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li jmorru kontra jew iġibu fix-xejn it-termini ta' tali ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Michelle Attard. L-Ewwel Qorti saħqet li fl-eventwalita' li hemm tali ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Michelle Attard, huma t-termini ta' tali ordni jew ftehim li jipprevalu fuq l-eżenzjoni limitata konċessa bis-sentenza u tal-kondizzjoni (e) imsemmija għall-finijiet ta' l-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront ta' l-imputat.

*A tenur* ta' Artikolu 382A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilita' tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, inkluż li joħroġ 'l barra mil-limiti ta' l-eżenzjoni limitata konċessa fil-kondizzjoni (e) ta' l-Ordni ta' Trażżin, u ċioè b'xi mod jikkomunika u/jew jiltaqa' ma' Michelle Attard għal affarijiet u materji mhux relatati mat-tfal minuri tagħhom, f'tali enventwalità jista' jiġi kkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien. Fid-dawl ta' l-Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat maħruġ dakinhar

stess, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika l-provvedimenti ta' Artikoli 382A u 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni wkoll tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-kundanna ta' l-imputat għall-ispejjeż għall-ħatra ta' esperti *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana minħabba li f'dawn il-proċeduri ma ġew maħtura l-ebda esperti.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"**tirriforma** s-sentenza billi: 1. **tikkonferma** l-liberazzjoni mil-ewwel, mit-tieni, u mir-raba' imputazzjonijiet, u 2. **Tħassar u tirrevoka** l-parti fejn l-appellant instab ħati tat-tielet u l-ħames imputazzjonijiet, u minflok tillibera lil appellant minn kull ħtija u piena, jew 3. **Tikkonferma** s-sentenza fejn si tratta l-liberatorja u l-ħtija, filwaqt li **tħassar u tirrevoka** l-parti tal-piena, u minflok timponi piena aktar xierqa u ġusta fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fejn huwa instab ħati tat-tielet (3) u l-ħames (5) imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena. Jitlob ukoll li jekk dan ma jkunx possibbli huwa jingħata piena aktar ekwa u ġusta.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant u l-mara tiegħu l-*parte civile* Michelle Attard kienu ilhom jafu lil xulxin tnax-il sena u meta kienet qed tixhed Michelle Attard u ċioè fl-14 ta' Ottubru 2020 huma kienu ilhom erba' snin miżżewġin. Il-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet huma kemmxejn differenti. Jidher mix-xiehda mogħtija mill-partijiet li l-appellant u martu Michelle Attard kienu għamlu żmien joqgħodu d-dar tal-ġenituri tagħha minħabba li d-dar tal-ġenituri tiegħu kien hemm xi ħsara li damet ma ġiet imsewwija. Minbarra dan, minkejja li l-post tagħhom kien lest, wara li Michelle Attard welldet tewmin, permezz tal-proċedura ċesarja, sabiex allegatament hija tkun aktar kurata huma baqgħu jgħixu għand il-ġenituri tagħha. Skont il-*parte civile* jidher li l-atteġġjament pussessiv tal-appellant sploda wara l-wild ta' wliedhom b'dana illi allegatament kien jaqfel il-kamra tagħhom meta kienu għand il-ġenituri tal-mara tiegħu u kien biss jippermetti aċċess limitat għat-tfal. Saħansitra skont il-*parte civile* kien juża kliem dispreġjattiv lejn il-kunjati u hedded li joqtolhom minbarra li kien jgħid li jobgħodhom. Skont il-*parte civile* kien anke f'ċirkostanzi partikolari hedded lilha stess.

Illi minn naħa tiegħu l-appellant jgħid li dan kollu huwa maħluq mill-kunjati tiegħu minħabba li lilu qatt ma aċċettawh u jiċħad li huwa qatt naqas mir-rispett. Jiċħad ukoll li kien hedded jew ikkontrolla lil martu. Jikkonferma li huwa ma riedx li t-tfal jinżammu fl-idejn u li ma riedx li jittieħdulhom ritratti *in parte* minħabba l-protezzjoni tagħhom kif ukoll minħabba li dak iż-żmien kien hemm ir-riskju tal-COVID-19.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata dwar l-elementi formali u materjali tar-reat u l-livell ta' prova rikjesta. Jispjega li l-element prinċipali wara r-reat preskritt fl-Artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa l-biża' u jisħaq li l-Ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq il-prinċipju msemmi mill-Professur Mamo ta' *"the reasonable man"*. Jgħid li fuq l-istess prinċipji hu ma setax jinstab ħati taħt Artikolu 251(3) imsemmi u dana minħabba li huwa u l-mara tiegħu xorta kienu għadhom qed jaqsmu s-sodda tagħhom. Jisħaq ukoll li dan ir-reat ma ġie sostnut bl-ebda prova konkreta u f'dan ir-rigward jirreferi għal dak li qalet Michelle Attard u ċioè li hija riedet il-kumpanija tiegħu. Jargumenta li minn dan jidher li l-element ta' biża rikjest ma jirriżultax. Jgħid għalhekk li l-imġieba tiegħu kienet tinkwadra ruħha fil-kuntest taż-żmien fejn il-koppja kellha tfal tewmin fi żmien il-pandemija fejn l-istess Stat kien qal li nies vulnerabbli ma kellhomx jitħalltu ma' nies differenti. Jargumenta li konsiderazzjoni oħra kienet li l-koppja kellhom tewmin – fatt li minnu innifsu li joħloq ċertu stress. Jispjega li skont l-awtur Blackstone sabiex ikun hemm *"coercive behaviour"* irid ikun hemm imġieba ripetuta li jkollha effetti serji. Jgħid li mix-xhieda prodotta jidher ċar li dawn l-effetti serji ma jirriżultawx.

Illi għandu jiġi nnutat li fil-mori tal-appell din il-Qorti kif preseduta ħalliet lill-appellant jippreżenta sentenza mogħtija mit-Tribunal Ekkleżjastiku (*a fol.* 362 *et seq.*) liema sentenza tirrigwarda talba għall-annullament taż-żewġ ta' bejn l-appellant u l-*parte civile* Michelle. Din il-Qorti tifhem li din is-sentenza ġiet ippreżentata sabiex issostni l-pożizzjoni tal-appellant li huwa kien premuruż u

li l-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu ma humiex mistħoqqa. Din il-Qorti qrat is-sentenza in kwistjoni u minkejja li fiha ċertu kummenti a favur l-appellant, tinnota wkoll li l-kuntest ta' tali sentenza hija kompletament differenti minn proċedura kriminali. Tabilħaqq l-għan ta' dik is-sentenza huwa li tara jekk kienx hemm raġuni li ż-żwieġ in kwistjoni kellux jiġi annullat jew le mentri l-proċedura quddiem din il-Qorti hija intiża sabiex jiġi deċiż jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta fid-deċiżjoni tagħha. Tenut kont ta' dan u minkejja li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-sentenza tat-Tribunal Ekkleżjastiku, din il-Qorti mhijiex marbuta bil-konklużjoni milħuqa mill-imsemmi Tribunal.

Illi din il-Qorti tibda billi tfakkar li r-rwol tagħha huwa li ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk mill-provi jirriżulta li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

[1] "Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

Illi ċċarat dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti ser tibda mill-kumment tal-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu liema kumment huwa relatat ma' dak li jgħid Blackstone. L-appellant ġie misjub ħati taħt Artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li b'differenza ta' Artikolu 251B tal-istess Kapitolu msemmi ma jirrikjedix kondotta ta' imġieba. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nader Abulghasem Benamar** (Numru 181/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "46. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal li temmen il-verżjoni tal-parti leża dwar l-inċident tas-6 ta' Settembru 2019 u setgħet ukoll tqis li l-parti leża ħassitha mbeżża' mill-komportament tal-appellant. Iżda din il-Qorti ma tistax tqis dan l-episodju waħdu in kwantu r-reat addebitat lill-appellant mhux ir-reat imsemmi fl-Artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali – fejn anke episodju waħdieni ta' biża ta' vjolenza jkun biżżejjed biex jintegra dak ir-reat - iżda r-reat taħt l-Artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali li, kif ingħad jeħtieġ il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni tal-*course of conduct* da parti tas-suġġett attiv tar-reat biex jitqies integrat."

2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tapplikah għal każ odjern b'dan illi dan l-argument in kwistjoni tal-appellant qed ikun miċħud.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti erronjament sejset d-deċiżjoni fuq il-kunċett ta' *"the reasonable man"* u f'dan ir-rigward hija qatt ma setgħet issib ħtija tiegħu. Fin-Noti tiegħu <u>Notes on Criminal Law</u> (First Year – Criminal Law), il-Professur Sir Anthony Mamo qal hekk:

> "The first is the material, the second is the formal condition of liability. This 'mens rea' may assume one or other of two distinct forms, namely, wrongful intention (*dolus*), or culpable negligence (*culpa*). The offender may either have done the wrongful act on purpose, or may have done it carelessly, and in each case the mental attitude of the doer is such as to make punishment effective. If he intentionally chose the wrong, penal discipline will furnish him with a sufficient motive to choose the right instead for the future. If, on the other hand, he committed the forbidden act without wrongful intent, but yet for want of sufficient care devoted to the avoidance of it, punishment will be an effective inducement to carefulness in the future. But if his act is neither intentional nor negligent, if he not only did not intend it, but did his best as a reasonable man to avoid it, there could be no good purpose fulfilled in ordinary cases by holding him liable for it."

Illi din il-Qorti qrat l-atti u studjat bir-reqqa x-xiehda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti u mingħajr eżitazzjoni ta' xejn tgħid li ma temminx lill-appellant meta jipprova jispjega ċertu avveniment bħal dak il-każ tal-inkwatru miksur. Din il-Qorti tabbraċċja bis-sħiħ il-partijiet identifikati mill-Ewwel Qorti fejn dak li għamel l-appellant jikkwalifika bħala li qed jikkawża biża li ser tintuża

vjolenza fuq Michelle Attard jew fuq il-ġenituri tagħha. Din il-Qorti ma tarax kif theddida ta' mewt ma għandhiex tikkawża tali biża. Għalhekk l-appellant żgur seta' jipprevedi li l-aġir tiegħu kien qed iwassal għal biża li ser issir ħsara lil Michelle Attard u anke lill-ġenituri tagħha. Din il-Qorti tqis li t-titubanza ta' Michelle Attard kienet dovuta għat-tentattivi tagħha li ssalva ż-żwieġ tagħha speċjalment fil-mument li saret omm ta' tewmin – mument li għalkemm huwa ta' ferħ huwa ukoll mument ta' vulnerabilita' għall-omm li għadha kemm welldet.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u għalhekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tat-tieni aggravju l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-elementi tal-liġi li wassal għal applikazzjoni żbaljata tagħha. Jilmenta li Michelle Attard qatt ma setgħet tiġi miżmuma kontra r-rieda tagħha minħabba li:

- il-bieb tal-kamra li fiha kienet tinżamm magħluqa l-*parte civile* kellha ċ-ċavetta fuq ġewwa u għalhekk kellha kull mezz tiftaħ il-bieb in kwistjoni;

- mill-provi imressqa jirriżulta li Michelle Attard kienet toħroġ meta jkollha bżonn u kienet hija li kellha l-kontroll taċ-ċavetta;

- jekk *gratia argomenti* hija kienet imsakkra, hija qatt ma setgħet tkun taf x'qed jiġri fid-dar u għalhekk ix-xiehda tagħha ma kellhiex treġi fuq id-*decide* tal-Ewwel Qorti għax b'hekk inħolqot kontradizzjoni.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li ma kien hemm l-ebda prova li Attard nżammet kontra r-rieda tagħha ġewwa l-kamra tagħha. Jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tevalwa l-element formali bil-konsegwenza li hu nstab ħati tal-ħames imputazzjoni. Jispjega li meta jsir apprezzament approfondit tal-*actus reus* tar-reat in kwistjoni, qatt ma seta' jirriżulta li dan seħħ. Jargumenta li Michelle Attard kienet tqatta' tmien sigħat kuljum id-dar mal-ġenituri tagħha mingħajr il-preżenza tiegħu u għalhekk skont hu dan iwassal għal dubju raġonevoli li hi ma kinitx toqgħod ġol-kamra maqfula.

Illi din il-Qorti tinnota li fil-kuntest tal-ħames (5) imputazzjoni, l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni li waslet għaliha ab bażi ta' inċident partikolari fejn l-appellant kien sakkar lil martu u lill-uliedu ġol-kamra tas-sodda għand il-kunjati.

Illi din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fis-7 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. William Gatt** (Numru 274/2011) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "19. Dwar is-sekwestru tal-persuna, il-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40]) meta jkun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid:- *"the words 'arrest' 'detention' and 'confinement' are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: 'Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para. 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.""*

Illi waqt ix-xiehda mogħtija minnha fl-14 ta' Ottubru 2020, Michelle Attard (*a fol.* 54 *et seq.*) tgħid li darba kien qafilha mat-tfal fil-kamra sakemm huwa mar jaqdi qadja (*a fol.* 58). Dan l-avveniment reġgħet ikkonfermatu aktar tard waqt l-istess xiehda (*a fol.* 74 *et seq.*). Mix-xiehda mogħtija minn Attard jidher ċar li l-kondotta tar-raġel tagħha ma kinitx qed taqbel magħha u ripetutament tgħid dan (ara *a fol.* 59, 61 u 70). Minbarra dan, din il-Qorti hija tal-fehma li ġialadarba Michelle Attard għażlet li tixhed dwar dan l-avveniment sabiex issostni l-imputazzjonijiet li tressqu kontra r-raġel tagħha juri biċ-ċar id-diżapprovazzjoni tagħha għal din iċ-ċirkostanza.

Illi fis-sentenza appellata (*a fol* 276 *et seq.*), l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> "Għalkemm Michelle Attard u t-trabi ma damux imsakkra għal tul ta' ħin eżaġerat, tant li l-istess Michelle Attard qalet ma damux, kemm mar u ġie, xorta jibqa' l-fatt li l-imputat sakkarhom kontra l-volontà ta' martu u ċertament mingħajr ebda raġuni valida, ġol-kamra fejn kienu jabitaw dak iż-żmien. Jibqa' l-fatt ukoll li għalkemm dan seħħ għal ħin qasir, xorta ma kienx xi ħaġa momentaneja u għalhekk ir-reat *ai termini* ta' l-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jissussisti.
>
> In kwantu rigwarda l-fatt li kemm damu jgħixu għand Simone u Carmel Francalanza, Michelle Attard kienet pratikament ikkonfinata għall-kamra fejn kienu jabitaw hi u l-imputat bit-trabi tagħhom minħabba l-fatt li l-imputat assolutament ma riedx li martu w uliedu jkollhom kuntatt ma' ħadd, il-Qorti ma tqisx li tali stat ta' fatt jista' jikkostitwixxi r-reat previst fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi fi kliemha stess, Michelle Attard kienet toħroġ mill-kamra u addirittura ġieli telgħet fuq il-bejt ħdejn żewġha. Il-Qorti hawn tagħmilha ċara li għalkemm tali fatt ma jikkwalifikax taħt ir-reat previst fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija xorta

> waħda ma hijiex qed tiġġustifika l-komportament ta' l-imputat lejn martu."

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak appena ċċitat u miegħu żżid li l-argumenti mressqa mill-appellant li huma marbuta mal-fatt li ċ-ċavetta kienet tkun ġewwa u mal-fatt li martu kienet toħroġ mill-kamra meta kellha bżonn ma jispjegawx għalfejn huwa dik id-darba sakkar lil martu u lit-tfal ġol-kamra u ħa c-ċavetta miegħu. L-istess jgħodd għall-argument imressaq mill-appellant li l-mara tiegħu kienet tqatta żmien waħedha meta huwa kien ikun għax-xogħol. Li kellu jagħmel l-appellant huwa li jiġġustifika għalfejn huwa kien ħa ċ-ċavetta miegħu dik id-darba partikolari. Għalhekk anke t-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-talbiet tiegħu l-appellant jitlob piena aktar ekwa u ġusta. Din il-Qorti mhijiex ser tinvesti wisq ħin fuq din it-talba u dana minħabba l-fatt li għar-reati li dwarhom l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant, l-imsemmija Qorti imponiet Ordni ta' *Probation* u Ordni ta' Trattament minflok piena ta' priġunerija kontemplata mill-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tikkunsidra l-motivazzjonijiet tal-Ewwel Qorti bħala validi u ma tarax li hemm lok sabiex tiddisturba l-piena erogata minnha.

Illi din il-Qorti tistieden lill-appellant jagħmel l-almu kollu tiegħu sabiex jibbenefika mill-opportunita' mogħtija mill-Ewwel Qorti u li ser tiġi konfermata minn din il-Qorti u dana fir-rigward tal-piena erogata fil-konfront tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Roderick Attard u tikkonferma s-sentenza

appellata fl-intier tagħha b'dana illi t-termini hemm stabbiliti għandhom jibdew jgħaddu millum.

Finalment, din il-Qorti tordna li din is-sentenza tiġi komunikata lil dawk li s-sentenza appellata ġiet komunikata lilhom.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**